Numru 12,421

www.media.link.com.mt

# IN-NAZZJON

It-Tnejn, 8 ta' Frar, 2010

€0.45



Fil-belt ta' Venezja fi tmiem il-ġimgħa beda uffiċjalment ir-renju tal-Karnival. B'differenza mill-Karnival li jsir f'postijiet oħra, dak ta' Venezja għandu fama ta' ċelebrazzjoni aristokratika fejn jispikkaw kostumi tipikament Venezjani, b'maskri partikulari li mhux biss huma assoċjati ma' din il-belt storika iżda li huma xogħlijiet tal-arti mfittxija ħafna. (Ritratt: Reuters)

## €48 miljun f'investiment produttiv minflok f'sussidji

Permezz tar-riformi li l-Gvern qed jagħmel fit-tarzna u fit-trasport pubbliku, il-Gvern se jkollu madwar €48 miljun kull sena li qabel kienu jingħataw f'sussidji u li issa se jkun jista' jinvestihom f'oqsma importanti għal skop iktar produttiv. Fost l-oħrajn, kull ġurnata qed isir investiment ta' miljun u €400,000 fl-edukazzjoni tal-istudenti.

L-għaqal tad-deċiżjonijiet li ħa l-Gvern huwa kkonfermat mill-fatt li pajjiżna qed ikompli jattira l-investiment, filwaqt li f'pajjiżi oħra bħall-Greċja tħabbar tnaqqis ta' 20% fil-pagi.

Il-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista, Lawrence Gonzi qal dan waqt intervista li saritlu lbieraħ fl-Uffiċċju tal-PN fin-Naxxar mill-editur tal-ġurnal *The Malta Independent*, Stephen Calleja. Hadu sehem ukoll il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, Tonio Fenech u d-Deputat Nazzjonalista Francis Zammit Dimech.

Il-Prim Ministru semma kif ir-ritmu tar-riformi li saru tul l-aħħar sentejn kompla jikkonferma kif il-prijorità tal-Gvern hi li jsaħħaħ l-ekonomija, jitharsu l-postijiet tax-xogħol u jinħolqu oħrajn ġodda. Qal li huwa ta' sodisfazzjoni għalih li jara r-riżultati pożittivi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Gvern, fosthom id-dħul tal-munita ewro, sentejn ilu. Huwa qal li jħossu iktar ottimist minn tliet xhur ilu, hekk kif l-ekonomija qed tkompli turi sinjali pożittivi.

Lawrence Gonzi qal li filwaqt li l-Partit Laburista jgħid li pajjiżna huwa medjokri, l-aġenzija internazzjonali *Moody's* ikkonfermat li Malta miexja tajjeb b'ekonomija li qed tilqa' għall-isfidi. Qal li f'Konferenza Ġenerali ta' għaxart ijiem, il-Partit Laburista ma semma xejn dwar ix-xogħol u kif se jżid il-kompetittività tal-pajjiż. Dwar ir-riforma fl-edukazzjoni, huwa tenna li b'diskussjonijiet mal-MUT jistgħu jkomplu jsiru bidliet li jħarsu l-interessi tal-għalliema filwaqt li jassiguraw l-aħjar edukazzjoni għall-istudenti.

għal paġna 5

## L-ETC se tkun qed tgħin 28,000 ruħ

minn Marion Zammit

Permezz ta' skemi b'fondi mill-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Malti, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) qed tistma li bejn din is-sena u l-2013 se tkun qed tgħin 28,000 ruħ fil-qasam tax-xogħol.

Raphael Scerri, Senior Manager tal-ETC spjega li l-Korporazzjoni se tkun qed tinvesti iktar minn €27 miljun f'diversi proġetti ta' skemi mmirati għal dawk li qed ifittxu x-xogħol, iż-żgħażagħ li għadhom kemm ħarġu mill-iskola u li għadhom qatt ma għamlu sitt xhur kontinwi ta' xogħol, u dawk li għandhom iktar minn 50 sena. L-iskemi huma mmirati wkoll għal dawk il-persuni li tilfu x-xogħol fl-aħħar sitt xhur, dawk li qed jaħdmu imma li jixtiequ jkomplu bit-taħriġ tagħhom, dawk il-persuni żvantaġġati jew b'diżabbiltà, jew dawk mhux-miżżewġa li qed jieħdu ħsieb adulti dipendenti fuqhom, u dawk il-persuni li jkunu qed jirritornaw għax-xogħol wara sentejn ma jaħdmux bi ħlas.

Dawn il-proġetti ġew imnedija mill-ETC is-sena li għaddiet. Persuna interessata tista' tapplika mal-Korporazzjoni, u kif spjega Raphael Scerri, dawn l-applikazzjonijiet m'għandhomx data meta jifthu jew jagħlqu. Filwaqt li heġġeġ ħafna lill-pubbliku biex japplika għal dawn l-iskemi, b'mod partikulari lil dawk li qed ifittxu x-xogħol u jaqgħu fil-kriterji li għalihom huma miftuħin dawn l-iskemi, Raphael Scerri spjega li għall-*Employment Aid Programme*, li l-ETC nediet fi Frar tas-sena l-oħra, diġà ħadu sehem iktar minn 430 ruħ, 120 minnhom minn Għawdex. Dawn il-persuni ma kinux jaħdmu u permezz tal-iskema daħlu lura fid-dinja tax-xogħol.

Hu spjega li numru minn dawn l-430 tilfu x-xogħol is-sena li għaddiet minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Scerri heġġeġ lil dawk li bħalissa qed jattendu għal xi *interviews* tax-xogħol biex iħajru lil min ikun se jimpjegahom japplika għal din l-iskema. Dan, għaliex din toffri nofs il-paga, mhux il-paga minima, għal perijodu ta' numru ta' ġimgħat – l-inqas żmien hu sitt xhur, li jista' jibqa' tiela' sa massimu ta' tliet snin f'każ ta' dawk il-persuni b'xi diżabbiltà.

għal paġna 7




### Kampjonat Ewropew 2012

Malta fi Grupp F mal-Kroazja, Greċja, Iżrael, Latvja u Georgia

Ara paġna 14

### Ir-Renju Unit

Tikber l-ispekulazzjoni dwar id-data tal-elezzjoni ġenerali

Ara paġna 21



# Clichés u slogans iżda l-ebda proposta – *Il-PN*

F'diskors ta' aktar minn siegħa waqt il-Konferenza Ġenerali Laburista, Joseph Muscat ma għamel l-ebda proposta dwar kif se jattira aktar investiment lejn il-pajjiż jekk ikun Prim Ministru, filwaqt li għamel sensiela ta' *clichés* u *slogans* li ma jfissru xejn.

Dan qalu l-PN fi stqarrija li fiha sostna li l-Mexxej Laburista għamel diskors li kien iffukat biss fuq l-ambizzjoni personali tiegħu li jkun Prim Ministru meta Malta, seba' snin ohra, ikollha l-Presidenza tal-UE. Il-PN qal li dwar l-edukazzjoni Joseph Muscat wera kemm hu maqtugħ mis-suċċessi li qed isehħu f'dan il-qasam.

Il-PN innota li l-Mexxej Laburista sahaq li bħala poplu nistgħu nkunu Ewropej aktar minn ħaddieħor, iżda ironikament hu kien fost l-aktar voċiferi fil-kampanja kontra s-shubija fl-UE meta kien ibeżża' lill-poplu Malti li m'hux kapaċi jikkompeti u jirbaħ fl-Ewropa.

L-istess kif kien għamel f'Ġunju tal-2009, ilbieraħ Joseph Muscat reġa' kkonferma li mhux lest jintrabat li jekk ikun fil-Gvern irahhas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma meta b'mod ċar qal li l-PL m'huwiex il-partit tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Il-PN qal ukoll li b'nuqqas ta' rispett lejn id-delegati preżenti, Joseph Muscat ma kienx preżenti fis-sala tad-diskussjoni biex isewgi dak li kellhom xi jgħidu l-istess delegati, u lanqas biss kien preżenti meta ttieħed il-vot fuq il-mozzjoni programmatika li ressaq hu stess.

Il-PN qal li f'din il-Konferenza Ġenerali għal darb'oħra l-poplu Malti reġa' ra s-superfiċjalità ta' min jaħseb li l-politika ssir b'bidliet kożmetiċi.

Billi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fuq talba tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn aktar 'l isfel għall-iskopijiet ta' notifika tal-konvenut Raymond Borg, skond il-liġi.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpannija estera reġistrata f'Companies House (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' reġistrazzjoni 00676565, b'indirizz reġistrat ta' 65 Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit vs (1) Raymond Borg, b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux magħrufa fil-mument tal-preżentata ta' dan l-att, u b'indirizz indikat fuq inkartament kummerċjali relattiv bħala dak ta' "104 St. Dominic Str,Valetta", u (2) EURO FREIGHT SERVICES LIMITED, reġistrata bl-ittra C numru 25544, u b'indirizz reġistrat ta' 1/2 Spiteri Buildings, Triq Ġanni Vassallo, Luqa LQA 1511, fid-9 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, talab li għar-raġunijiet hemmhekk premessi u sostanzjalment stante ksur ta' jeddijiet dwar proprjetà intellettwali (trademarks reġistrati f'Malta bin-numri 37183, 35235 u 44324) din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi kwantità ta' prodotti ta' sigaretti ġewwa pakketti lkoll ġo kaxxi tal-kartun, liema sigaretti, pakketti u kaxxi tal-kartun kollha fihom sinjali "ROYALS" bħal dawk tas-soċjetà attriċi u preżentati b'mod prominenti, u kollha jinsabu preżentement miżmuma taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li hu kien sab li l-container BSIU 9165061 kien fih l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjeta' attrici;

2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti lil hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuti;

3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuti mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. tordna li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport tal-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mill-lok tal-ħażna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Attur: Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċ jali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpanija estera reġistrata f'Companies House (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' reġistrazzjoni 00676565, b'indirizz reġistrat ta' 65 Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit – 84, Triq Melita, Valletta, VLT 1120.

Konvenuti: (1) Raymond Borg (b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux magħrufa fil-mument tal-preżentata ta' dan l-att): 104 Triq San Duminku, Valletta; u

(2) EURO FREIGHT SERVICES LIMITED (C25544) – 1/2 Spiteri Buildings, Triq Ġanni Vassallo, Luqa LQA 1511.

Il-kawża (Rikors Numru 1091/09RCP) tinsab differita għas-16 ta' Marzu 2010 fid-9 ta' filgħodu.

# Joseph Muscat jitbiegħed mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma

## ■ "Bidu ġdid" mill-ġdid fuq fomm il-Labour

Meta lbieraħ filgħodu ġiet fi tmiemha l-Konferenza Ġenerali Laburista spikka n-nuqqas tal-Mexxej Laburista, Joseph Muscat fis-sala taċ-Ċentru Nazzjonali Laburista li ma segwa l-ebda diskors li sar mid-delegati u d-Deputati Laburisti. Joseph Muscat naqas ukoll milli jivvota fuq il-mozzjoni diskussa mill-konferenza. Il-Mexxej Laburista daħal fis-sala biss biex jagħmel id-diskors tiegħu.

Id-diskors tal-Mexxej Laburisa kien ikkaratterizzat minn referenzi kontinwi għal 'bidu ġdid' – is-*slogan* Laburista tal-aħħar elezzjoni, iżda fl-istess waqt esprima s-sodisfazzjon tiegħu għar-riżultat tal-elezzjoni tal-Eżekuttiv Laburista.

F'din l-elezzjoni, l-eks Deputat Laburista Maria Camilleri, li kienet attiva ħafna taħt il-Gvernijiet ta' Duminku Mintoff u Karmenu Mifsud Bonnici, ġabet l-akbar ammont ta' voti, filwaqt li l-eks Ministru Laburista Alex Sceberras Trigona kien ikkonfermat bħal s-Segretarju Internazzjonali tal-Partit.

Fid-diskors tiegħu, Joseph Muscat kompla saħħaħ dak li qal dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma f'Ġunju tas-sena li għaddiet meta kien qal li m'hux lest jintrabat li jraħħas il-kontijiet jekk ikun fil-Gvern.

> **Fl-elezzjoni tal-Eżekuttiv l-eks Deputat Laburista Maria Camilleri, li kienet attiva ħafna taħt il-Gvernijiet ta' Duminku Mintoff u Karmenu Mifsud Bonnici, ġabet l-akbar ammont ta' voti**

Fis-sessjoni li għalqet din il-konferenza spikka wkoll id-diskors tax-*Shadow Minister* Laburista Karmenu Vella, li tkellem eżatt qabel Joseph Muscat. Hu tkellem dwar ir-riformi li qed iwettaq il-Gvern, fosthom ir-riforma tal-MEPA, l-edukazzjoni, it-trasport pubbliku u s-saħħa, u xebbaħhom mal-klieb.

Joseph Muscat fid-diskors tiegħu qal ukoll li l-Partit Laburista hu kontra l-abort – dikjarazzjoni li ħafna qed iqisu li kienet tentattiv biex jillimita l-ħsara li saret bid-dikjarazzjoni li għamel id-Deputat Mexxej Toni Abela dwar l-abort f'ċerti każi.

## IT-TEMP

**IT-TEMP** ftit imsaħħab, b'ħalbiet iżolati tax-xita, li jistgħu jkunu bir-ragħad għall-ewwel
**VIŻIBBILTÀ** ġeneralment tajba
**IR-RIĦ** qawwi mill-Punent għall-Majjistral, li jsir lokalment qawwi ħafna għall-qawwa ta' riefnu kultant fuq l-inħawi fejn jaqbel
**IMBATT** ftit li xejn
**TEMPERATURA** l-ogħla 15˚C
**XITA** f'dawn l-aħħar 24 siegħa 3.8mm
Xita mill-1 ta' Settembru 298.9mm
**IX-XEMX** titla' fis-06.59 u tinżel fil-17.36

UV INDEX 2

## IL-ĦAMEST IJIEM LI ĠEJJIN

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA |
|---|---|---|---|---|
| L-ogħla 15˚C | L-ogħla 16˚C | L-ogħla 15˚C | L-ogħla 13˚C | L-ogħla 13˚C |
| L-inqas 9˚C | L-inqas 10˚C | L-inqas 13˚C | L-inqas 11˚C | L-inqas 10˚C |
| UV 2 | UV 3 | UV 3 | UV 2 | UV 3 |

## TEMPERATURI FI BLIET BARRANIN

Alġeri 16˚C imsaħħab, Amsterdam 02˚C imċajpar, Ateni 14˚C bix-xita, Liżbona 11˚C imċajpar, Berlin -04˚C imsaħħab, Brussell 03˚C imċajpar, il-Kajr 18˚C xemxi, Dublin 05˚C imċajpar, Kopenħagen -02˚C imsaħħab, Frankfurt 03˚C imsaħħab, Milan 02˚C biċ-ċpar, Istanbul 05˚C bix-xita, Londra 05˚C imsaħħab, Malta 14˚ ftit imsaħħab, Madrid 10˚C imsaħħab, Moska -07˚C xemxi, Pariġi 06˚C imsaħħab, Barċellona 14˚C xemxi, Ruma 11˚C xemxi, Tel Aviv 17˚C xemxi, Tripli 17˚C ftit imsaħħab, Tuneż 17˚ imsaħħab, Vjenna -04˚C imsaħħab, Zurich 03˚C imċajpar, Munich 01˚C imċajpar, Stokkolma -04˚C ftit imsaħħab, San Pietruburgu -07˚C bil-borra

www.eurotours.com.mt
e-mail: info@eurotours.com.mt
EuroTours
☎ 21223295 / 21233193 / 25965555

# Prominenza f'pubblikazzjoni Portugiża

Malta dehret b'mod prominenti f'artiklu ta' tmien paġni fl-edizzjoni ta' pubblikazzjoni speċjalizzata Portugiża bl-isem "Gwida għall-Kumpaniji Ċċertifikati", ippubblikata minn *Cem Palavras Magazine*.

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-GEC iffukat fuq il-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Ewropa, speċjalment Malta u l-Italja.

Fl-artiklu, Malta kienet irreklamata bħala pajjiż eċċellenti għall-investiment. L-istess artiklu jinkoraġġixxi lill-kumpaniji Portugiżi u n-negozjanti biex jinvestu f'Malta.

L-artiklu jipprovdi tagħrif estensiv bl-istatistika, kif ukoll informazzjoni dwar il-leġislazzjoni fiskali Maltija, inċentivi għall-investiment kif ukoll tagħrif dwar l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards, u l-Bord Nazzjonali għall-Akkreditazzjoni.

ĠURI B'RABTA MA' PJAN BIEX ISIR DELITT

# Allegat pjan biex mara tintefa' minn fuq irdum

Carmel Vella, ta' 33 sena minn San Ġwann, magħruf aħjar bħala "Il-Gagu", dalgħodu mistenni jibda għaddej ġuri dwar delitt li kellu jsir fl-Aħrax tal-Mellieħa, li, imma ma seħhx. Allegatament, il-pjan kien li Patricia Attard kellha titwaddab minn fuq l-irdum li hemm f'din il-parti tal-Mellieħa.

Il-ġuri, li se jiġi ppresedut mill-Imħallef Joseph Galea Debono, huwa konness mal-qtil ta' mara li seħħ sitt snin ilu f'Ta' Qali. Vella mhux se jkun akkużat bid-delitt innifsu, iżda bis-sehem tiegħu f'attentat li sar ftit żmien qabel biex tkun eliminata Patricia Attard.

Il-każ jirrigwarda d-delitt ta' Patricia Attard, li seħħ fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Frar tal-2004. Hija kienet inqatlet b'tiri ta' pistola f'rasha fi pjan li kien ġie eżawrit aktar tard x'aktarx minn persuna jew persuni oħra.

Il-mara kienet instabet f'vann, li hi kienet tuża fix-xogħol tagħha, f'post imwarrab f'Ta' Qali, mill-Pulizija tal-*Mobile* waqt li kienu qed jagħmlu ronda fl-inħawi. Attard kienet mill-Ħamrun u kellha 55 sena. Hija kienet taħdem bħala xufiera fin-negozju tal-familja.

Carmel Vella se jkun akkużat li ġimgħat qabel id-delitt kien ftiehem ma' raġel ieħor biex joqtlu lil Patricia Attard. Dan huwa Josef Grech, ta' 38 sena minn Ħal Balzan, li wkoll kien jaħdem bħala xufier mal-kumpanija tal-vittma u li qed jistenna biex jgħaddi ġuri separat fuq il-qtil tagħha.

Vella, se jiġi akkużat b'kap wieħed li jgħid li ż-żewġt irġiel allegatament kienu ftehmu li jħajru lil Attard tmur magħhom x'imkien lejn l-Aħrax tal-Mellieħa u, kif tersaq lejn it-tarf tal-irdum, jimbuttawha għal isfel. L-akkużа tgħid li Vella kien ġie mwiegħed is-somma ta' Lm10,000 (€23,000) għas-sehem tiegħu fid-delitt.

L-akkuża tgħid li dan il-pjan maħsub minn qabel, xi ġranet qabel l-14 ta' Frar tal-2004, Grech mar fejn it-Torri l-Aħmar flimkien ma' Attard billi qalilha li kienu sejrin hemmhekk b'konnessjoni ma' xi ġarr ta' klandestini. Vella kellu jiltaqa' magħhom fuq il-post, u hekk għamel. Minkejja li ħadu lil Patricia Attard sal-Aħrax tal-Mellieħa, il-pjan tagħhom sfratta peress li l-mara beżgħet tersaq lejn tarf l-irdum.

Carmel Vella se jkun akkużat għalhekk li assoċja ruħu ma' ħaddieħor bil-għan li jikkommetti omiċidju volontarju, billi kellu l-ħsieb li joqtol lil Attard fl-ewwel attentat li falla fuq ħajjitha.

Il-Prosekuzzjoni se titmexxa milll-Avukatessa Lara Lanfranco, mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, filwaqt li l-Avukat Roberto Montalto se jidher għal Vella.

# Ħadd m'għandu dritt fuq ħajjet il-bniedem

*– L-Arċisqof Emeritus*

"Ħadd ma għandu d-dritt li jnaqqas, imqar b'sekonda waħda, il-ħajja tal-bniedem. Sid il-ħajja huwa Alla mit-tnissil sal-mewt naturali tiegħu. B'hekk għandna bżonn nirrispettaw l-ħajja mhux biss fil-ħsieb iżda wkoll fl-għemil tagħna"

Dawn kienu l-kliem tal-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca fl-omelija tiegħu waqt quddiesa organizzata mill-Moviment Malti għad-Drittijiet, Protezzjoni u Żvilupp tat-Tarbija li se Titwieled fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ddedikat lil Ħajja.

Matul din il-quddiesa li saret ilbieraħ fil-KonKatidral ta' San Gwann, Ġużeppi Mercieca fisser kif meta wieħed jsemmi d-dritt tal-Ħajja ma jistax ma jġibx quddiem għajnejh lil Madre Tereża ta' Calcutta li tul ħajjitha espremiet il-valur u d-dinjità tal-bniedem sa mill-bidu nett tat-tnissil tiegħu.

Wara l-quddiesa saret manifestazzjoni favur il-ħajja fl-Oratorju tal-Caravaggio fejn tkellem il-koordinatur tal-moviment Tony Mifsud li fisser kif il-Moviment ilu jaħdem favur id-Drittijiet, il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tad-Tarbija li se Titwieled u jiġbor ġo fih numru sabiħ ta' għaqdiet li lkoll għandhom l-għan li jippromovu l-ħajja. Hu fakkar ukoll li fl-2007 dan il-moviment ippubblika l-ewwel *Charter* Malti dwar id-drittijiet, protezzjoni, żvilupp tat-tarbija li se titwieled u li huwa konformi mal-istrutturi tal-Unjoni Ewropea.

Il-Viċi Prim Ministru Tonio Borg saħaq fuq l-importanza tal-valuri Insara u fisser kif il-Gvern għandu jdaħħal liġi fil-kostituzzjoni, li tħares id-dritt tal-ħajja tat-tarbija anke qabel ma titwieled

Edwin Vassallo iċ-*Chairperson* tal-kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament fisser kif il-Kumitat jara l-bżonn ta' liġi speċifika li tħares id-dritt tat-tarbija li se titwieled u bl-istess mod li llum tista' tingħata *care order* fuq tfal mwielda, il-kumitat qed jipproponi li jingħata ħarsien simili lit-tarbija mhux mwielda.

---

Billi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fuq talba tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn aktar 'l isfel għall-iskopijiet ta' notifika tal-konvenut Raymond Borg, skond il-ligi.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' Gallaher Limited, kumpannija estera reġistrata f'Companies House (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' reġistrazzjoni 01501573, b'indirizz reġistrat ta' 65 Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT13 0QU, fir-Renju Unit vs (1) Raymond Borg, b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux magħrufa fil-mument tal-preżentata ta' dan l-att, u b'indirizz indikat fuq inkartament kummerċjali relattiv bħala dak ta' "104 St. Dominic Str,Valeta", u (2) EURO FREIGHT SERVICES LIMITED, reġistrata bl-ittra C numru 25544, u b'indirizz reġistrat ta' 1/2 Spiteri Buildings, Triq Ġanni Vassallo, Luqa LQA 1511, fid-9 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. noe, talab li għar-raġunijiet hemmhekk premessi u sostanzjalment stante ksur ta' jeddijiet dwar proprjetà intellettwali (trademarks reġistrati f'Malta bin-numri 44298, 4861, 28564, 44296, 21288, 46210 u 48710) din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi à ta' prodotti ta' sigaretti ġewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, bis-sigaretti li fihom sinjali "B&H" u bil-pakketti u l-kaxxi tal-kartun li fihom sinjali "BENSON & HEDGES" kif ukoll "B&H", ilkoll bħal dawk tas-soċjeta' attriċi u preżentati b'mod prominenti, u li kollha jinsabu preżentement miżmuma taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li hu kien sab li l-container BSIU 9165061 kien fih l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjeta' attrici;

2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjeta' attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuti;

3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuti mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. tordna li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport tal-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-trasport mill-lok tal-ħażna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Attur: Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' Gallaher Limited, kumpanija estera reġistrata f'Companies House (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' reġistrazzjoni 01501573, b'indirizz reġistrat ta' 65 Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT13 0QU, fir-Renju Unit – 84, Triq Melita, Valletta, VLT 1120.

Konvenuti: (1) Raymond Borg (b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux magħrufa fil-mument tal-preżentata ta' dan l-att): 104 Triq San Duminku, Valletta; u

(2) EURO FREIGHT SERVICES LIMITED (C25544) – 1/2 Spiteri Buildings, Triq Ġanni Vassallo, Luqa LQA 1511.

Il-kawża (Rikors Numru 1092/09RCP) tinsab differita għas-16 ta' Marzu 2010 fid-9 ta' filgħodu.

---


## Temporary State-Aid Scheme for Sugar Imports

A call for Expression of Interest

The Commerce Division of the Ministry of Finance, the Economy and Investment will be receiving expressions of interest in connection with the temporary state aid scheme for the importation of sugar for 2010.

THE SCHEME WILL APPLY TO THE FOLLOWING OPERATORS:

| | |
|---|---|
| Group A | Importers of sugar of non-EU origin for consumption in Malta in its imported state or to be used as an input as part of another product. |
| Group B | Importers of sugar of non-EU origin to be used as an input as part of another product for consumption in an EU member country other than Malta. |
| Group C | Importers of sugar to be used as an input as part of another product for consumption in non-EU countries |

Eligible applicants for such a subsidy will be allocated a quota based on trade flows. Preference will be given to traditional operators.

The State aid in respect of group A and group B quotas shall be in the form of a refund calculated on the basis of 18% of a digressive monthly rate.

State aid in respect of Group C quotas will be effected for sugar imported under the Inward Processing Arrangements of the Customs Department.

Applications and additional information may be obtained from the Commerce Division, Support Services Section, Lascaris, Valletta.

Telephones: 25690210 Fascimile: 25690295 E-mail: carmel.a.muscat@gov.mt

**Please note :** Applications may be deposited at the above office between **February 8 and March 1, 2010, from 8.30 to 16.30 hours.**

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

# Mistenni investiment ġdid fil-farmaċewtika

Dak li kiseb pajjiżna fil-qasam tax-xoghol ma ġiex mix-xejn. Il-Gvern hadem mal-imsiehba soċjali, ma' min hu kapaċi johloq ix-xoghol biex fl-2010 naraw ir-riżultati. Fil-ġimghat li ġejjin mistenni jithabbar investiment ġdid fis-settur tal-manifattura, inkluż fis-settur tal-farmaċewtika.

Il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, Tonio Fenech qal dan meta kien qed jiehu sehem fi djalogu fl-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista fin-Naxxar. Huwa qal li dan l-investiment sehh b'riżultat ta' hidma mill-*Malta Enterprise*, li żdidilha l-vot biex tghin ukoll lill-intrapriżi ż-żghar ikomplu jinvestu fl-operat taghhom, anki bl-iskema *MicroInvest*.

Permezz ta' din l-iskema, ghal kull ewro investiment f'makkinarju u impjiegi ġodda, isir tnaqqis ta' 40% fit-taxxa fil-każ ta' Malta, u 60% f'Ghawdex. Tonio Fenech semma wkoll kif f'laqghat li kellu l-ġimgha li ghaddiet ma' rappreżentanti mis-settur finanzjarju, irriżulta li qed ikompli jiżdied l-interess f'Malta, inkluż li l-*hedge funds* Ingliżi jinġiebu Malta.

Dwar it-turiżmu, Tonio Fenech qal li qed isiru diskussjonijiet intensivi biex jinġiebu iktar rotot ġodda u s-settur ikompli jespandi. Tonio Fenech qal li filwaqt li ma jfissirx li d-diffikultajiet kollha marbuta mal-kriżi ekonomika issa ghaddew, dak li qed jghid haddiehor fuq pajjiżna juri li l-mod kif hadem il-Gvern naqqas l-impatt tal-kriżi u assigura li l-pajjiż jimxi 'l quddiem.

Huwa qal li quddiem il-kriżi ekonomika li laqtet id-dinja, is-suġġeriment tal-Partit Laburista kien li l-Gvern inaqqas il-VAT u jqassam xi haġa żghira lil kulhadd. Minflok, il-Gvern ġabar ir-riżorsi kollha u ffukahom fis-setturi li tassew kienu se jintlaqtu mill-kriżi – il-manifattura u t-turiżmu. Il-Gvern hadem ukoll biex sostna lill-fabbriki u b'riżultat ta' hekk hares l-interessi ta' 2,500 familja li jiddependu fuq dawk il-fabbriki.

Dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku u fit-Tarzna, Tonio Fenech qal li l-Gvern solva problema li l-pajjiż kien ilu mghobbi biha s-snin. Qal li l-kumpens li ta l-Gvern ghall-liċenzji tas-sewwieqa tal-karozzi tal-linja kien essenzjali ghat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż.

Fil-każ tat-tarzna, hu qal li filwaqt li l-Gvern kien offra skemi ta' irtirar kmieni, iffranka €45 miljun f'sussidji u assigura li n-nies jahdmu fuq livell produttiv u jrendu aktar attività ekonomika.




Il-Prim Ministru waqt l-intervista li saritlu minn Stephen Calleja, l-editur ta' The Malta Independent (Ritratt: Alex Degabriele)

# Sinjali ekonomiċi pożittivi

minn paġna 1

Dwar il-proġett tad-dahla ta' Bieb il-Belt, il-Prim Ministru qal li se jkun qed jiltaqa' mal-Perit Renzo Piano biex jiddiskuti d-dettalji tal-pjanti. Huwa qal li x-xoghol li se jsir, minbarra li jaghmel ġieh lill-belt kapitali, se jiġġenera x-xoghol lill-kuntratturi ż-żghar.

Intant, il-Prim Ministru semma wkoll il-hidma li qed issir fi hdan il-Kunsilli Lokali bis-sehem ta' kunsillieri Nazzjonalisti u Laburisti fl-interess tal-lokalitajiet.

Waqt l-intervista, il-Prim Ministru sellem lil Eddie Fenech Adami f'gheluq sninu u rringrazzjah ghall-hidma tieghu kemm dam iservi fil-karigi differenti tieghu.

# Riforma għal MEPA iktar konsistenti

Meta tkellem waqt il-laqgha ta' djalogu fl-Uffiċċju tal-PN fin-Naxxar, ilbierah filghodu, id-Deputat Nazzjonalista Francis Zammit Dimech qal li r-riforma fil-MEPA tkompli tibni fuq dak li nbeda meta huwa kien Ministru ghall-Ambjent. Dak iż-żmien saret il-bidla minn Awtorità tal-Ippjanar ghall-Awtorità Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) biex l-ambjent u l-iżvilupp jinghaqdu flimkien biex ikunu ikkunsidrati mill-istess awtorità.

Francis Zammit Dimech fahhar l-inizjattiva tal-Gvern biex qed isehhu r-riformi b'mod konsistenti f'diversi oqsma. Huwa qal li din ir-riforma fil-MEPA tkompli tkabbar fuq il-prinċipju li l-ambjent ikun integrat fil-proċess tad-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp. Dan, biex filwaqt li jittiehdu deċiżjonijiet li jippermettu l-iżvilupp, fl-istess hin ikun imhares l-ambjent.

Huwa semma l-vantaġġi tar-riforma, fosthom li l-Awtorità tahdem b'mod konsistenti fid-deċiżjonijiet li tiehu u li min japplika jinghata dokument bir-raġunijiet ghad-deċiżjonijiet li jittiehdu.



IN-NAZZJON

**Editur:** Alex Attard
Media.Link Communications Co. Ltd. 2, Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450
P.O. Box 37, Ħamrun ĦMR 1000 e-mail: news@media.link.com.mt
Tel: 21243641/2/3 Fax No. 21242886
**Dipartiment tal-Avviżi** Tel: 25965-317/232/474 Fax: 21240261
E-mail: adverts@media.link.com.mt

L-EDITORJAL

# Ekonomija robusta u deċiżjonijiet għaqlin

L-ahhar rapport tal-aġenzija *Moody's* dwar l-istat tal-ekonomija Maltija jikkonferma dak li ilu jsostni l-Gvern ghal dawn l-ahhar xhur. Filwaqt li hadd ma jista' jiċhad il-fatt li pajjiżna wkoll ha daqqiet mill-kriżi finanzjarja internazzjonali, b'differenza minn pajjiżi ohra, Malta kienet b'sahhitha biżżejjed biex ma tibqax tahthom u tqum fuq saqajha.

Din ma kenitx l-ewwel konferma li nghatat Malta, ghax is-sena li ghaddiet il-Kummissjoni Ewropea wkoll ikkonfermat li l-istrateġija li uża l-Gvern Malti kienet l-ahjar wahda fiċ-ċirkustanzi. L-aġenzija *Moody's* ikklassifikat l-istat tal-ekonomija Maltija fil-livell ta' A1 u b'mod partikulari ikkummentat fuq kemm l-ekonomija Maltija u s-settur tas-servizzi finanzjarji huma robusti.

Xhieda ta' dan hu l-fatt ukoll li fl-istess jum thabbar li s-settur tas-servizzi finanzjarji fit-tielet kwart ta' din is-sena kiber bi 22 fil-mija, meta mqabbel mal-perijodu bejn Lulju u Awwissu tal-2009. L-istess rapport jikkonferma ghal darb'ohra kemm kienet deċiżjoni ghaqlija tal-Gvern li jdahhal l-ewro fl-2008 u mhux iktar tard, kif ried il-Partit Laburista. Dan, ghaliex il-Gvern Malti issa ghandu parametri stretti li jirregolaw il-finanzi pubbliċi, u dan holoq aktar dixxiplina.

### Sfidi li l-Gvern qed jindirizza diġà

L-akbar sfidi li kkummenta dwarhom dan ir-rapport huma dwar is-settur pubbliku li ghadu relattivament kbir, l-ghoti tas-sussidji, il-kompetittività fis-snin li ġejjin, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u parteċipazzjoni ikbar tan-nisa fid-dinja tax-xoghol. Dwar is-settur pubbliku, il-Gvern ilu ghal diversi snin jiehu passi biex kemm jista' jkun dan ikun jirrifletti l-htiġijiet tal-lum.

Ghalkemm il-kumment tal-*Moody's* huwa validu, wiehed irid jiftakar ukoll li fl-ahhar snin, is-settur pubbliku naqas konsiderevolment u ghalhekk diġà qed isir sforz f'din id-direzzjoni. Aspett iehor li ssemma kien dak tas-sussidji. Dan ir-rapport issa qed jikkonferma li l-passi li ha l-Gvern kemm fil-privatizzazzjoni tat-tarzna kif ukoll fir-riforma tas-settur pubbliku kienu l-ahjar deċiżjonijiet fiċ-ċirkustanzi. Dan, ghaliex dawn iż-żewġ riformi importanti ghalkemm swew lill-Gvern miljuni ta' ewro, fuq medda ta' żmien se jfissru wkoll li l-flus mit-taxxi tal-poplu se jmorru f'setturi iktar produttivi u mhux f'sussidji.

Wiehed minn dawn l-oqsma fejn hemm il-htieġa ta' iktar ghajnuna min-naha tal-Gvern hu dak tar-riċerka u l-innovazzjoni. Kien propju ghalhekk li fil-Baġit ta' din is-sena, il-Gvern ivvota somma sostanzjali ghal dan l-iskop, u hekk hemm diversi skemi li qed jinċentivaw is-settur privat biex jaghti importanza ikbar lir-riċerka.

Ghalhekk il-parir tal-*Moody's* mhux talli huwa validu, talli l-Gvern minn jeddu hass il-htieġa li jiffoka iktar fuq dan il-qasam. Dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xoghol fl-ahhar snin kien irreġistrat progress, grazzi wkoll ghal diversi skemi u inċentivi li l-Gvern nieda ghall-ommijiet li jkunu waqfu mix-xoghol u ghal dawk in-nisa li jkollhom negozju tal-familja.

### Sinjal ieħor pożittiv u ta' kuraġġ

Ir-rapport tal-*Moody's*, ghalhekk hu sinjal iehor pożittiv u ta' kuraġġ ghall-pajjiż kollu. Dan mhux biss jawgura tajjeb, anzi jikkonferma li l-pajjiż ghandu l-kredenzjali kollha biex l-ekonomija fix-xhur li ġejjin, possibbilment fit-tieni nofs tas-sena meta jkun hemm sinjali konkreti li l-kriżi bdiet tbatti, tirranka sew u tiġġenera iktar impjiegi. B'hekk, il-qghad li fl-ahhar sena gholla rasu xi ftit, jerġa' jaqbad it-triq tan-niżla.

Fl-isfond ta' dan kollu jidher ċar kemm il-kritika li ghamlet l-Oppożizzjoni fl-ahhar snin dwar l-ewro, it-trasport pubbliku, it-tarzna, u l-inizjattivi li ttiehdu f'diversi *Budgets*, kienet immotivata biss minn raġunijiet partiġġjani u minn xejn ta' sustanza.

INTIETEF

# Il-PN ma jagħmel sarima ma' ħalq ħadd



minn Philip **MIFSUD**
info@philipmifsud.com

### Id-dritt tal-espressjoni

Il-Partit Nazzjonalista bata n-nuqqas tad-dritt tal-espressjoni. Il-Partit Nazzjonalista jaf x'jiġifieri li ma tkunx tista' ssemma' lehnek. Dawn l-esperjenzi ghixhom speċjalment lejn nofs it-tmeninijiet. Ghadda mill-martirju tas-silenzju u jaf eżatt xi tfisser li jkollok sarima ma' halqek. Meta fis-sena 1987 il-Partit Nazzjonalista rebah il-Gvern, flok ma rritalja u ghamel sarima ma' halq min żamm lilu sieket ghal diversi snin, fetah berah ix-xandir; il-pluraliżmu, li hadd qabel ma kien johlom bih. Ghaldaqstant il-Partit Nazzjonalista żgur li mhu se jaghmel sarima ma' halq hadd. Ahseb u ara kemm se jaghmel sarima mad-deputati tieghu stess. Nemmen li minnu nnifsu hu eżerċizzju demokratiku importanti li deputat jesprimi l-opinjoni tieghu, aktar u aktar jekk dak li jghid jghidu b'intenzjoni tajba.

### Opportuniżmu Laburista

Iżda donnu f'dan il-pajjiż ma tistax tiftah halqek. Jekk taghmel hekk, dak li tghid l-ewwel jiġi amplifikat ghal xi ghaxar darbiet, imbaghad jiġi interpretat b'sensiela ta' interpretazzjonijiet differenti u wara jiġi spekulat estensivament! Jekk hawn xi hadd li jispeċjalizza f'din is-sengha, żgur li hu l-Partit Laburista. Opportuniżmu mill-aqwa mhaddem b'tant hila mill-midja tal-istess partit. Tant hu hekk, li jekk xi deputat tal-Gvern jiftah halqu, dan mill-ewwel jiġi ttimbrat mill-midja Laburista li jrid ifixkel l-operat tal-Gvern u bilkemm ma jibdewx jaraw fih il-potenzjal li jiggvernaw dan il-pajjiż wara 23 sena, taqta' t-22 xahar li dam fil-Gvern Alfred Sant.

**Ossessjoni.** Dik li kienet ambizzjoni issa saret ossessjoni. Hekk qalulu lil Joseph Muscat meta rreferew ghal ambizzjoni, mibdula f'ossessjoni, tieghu li jilhaq Prim Ministru f'età ta' anqas minn 40 sena. Ghaldaqstant f'din l-ossessjoni jaqbad ma' kulma jahseb li jista' jaghtih palata; anki jekk dawn ikunu deputati Nazzjonalisti. Nemmen li f'dan ir-rigward, Joseph Muscat qed jiżbalja bil-kbir ghax minkejja li xi daqqiet, xi whud minna, inkluż jien, jesprimu ruhhom b'xi mod xi ftit imqanqal, jien nemmen li ahna nkunu qed naghmlu hekk, sforz l-imhabba kbira li ghandna ghal dan il-partit. Minkejja kollox, il-lealtà taghna hi lejn il-partit taghna u lejn il-Kap u Prim Ministru taghna lkoll. Ghaldaqstant hu żball intenzjonat li l-Oppożizzjoni, kostantament qed tiehu li lil kull deputat tal-Gvern li jiftah halqu, tpinġih bhala ghadu tal-Gvern tieghu stess. U dan kollu qed isir bilbarka tal-mexxej Laburista Joseph Muscat.




Il-poster li ħeġġeġ lill-Maltin isegwu l-Istudio Master minn barra, għax il-PN ma tħalliex ixandar lokalment

**Mibeghda.** Kemm hi kelma kerha hux? Irrid nistqarr li jien ma nafx nobghod u lanqas irrid nitghallem. Iżda hawn min ma jiddejjaqx juri li jobghod u sahansitra jitperreċ mal-erbat irjieh tad-dinja. Hekk ghamlu xi esponenti tal-partit Laburista. Dawn l-esponenti jinkludu kunsilliera lokali, membri fl-Eżekuttiv tal-istess partit u sahansitra deputati! Dawn ma ddejqux jiftahru jghidu li jobogħdu lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi! Tassew każ li fakkarni fil-lupu liebes tal-haruf. Nghid hekk ghax il-mibeghda esperjenzajnieha ahna. Anki jekk jippruvaw inessuhielna, xi kultant tiżloqilhom xi wahda u tikxfilhom li taht il-libsa sabiha tal-haruf mans li xeddew dan l-ahhar, ghad hemm il-lupu xih ta' snin ilu, li l-mibgheda hi parti mill-menù tieghu. Minflok ma joqghod jinhela jiġri wara d-deputati tal-Gvern, Joseph Muscat ahjar jara biex inhu mdawwar!

> **Il-Partit Nazzjonalista hu l-partit tal-libertà tal-kelma u għalhekk żgur li mhu se jagħmel sarima ma' ħalq ħadd; aħseb u ara kemm se jagħmilha ma' ħalq id-deputati tiegħu**



Bħalissa jinsabu fl-aqwa tagħhom it-tħejjijiet mill-kumpaniji li se jieħdu sehem fil-Karnival ta' din is-sena. F'dawn il-ġranet, ikunu qegħdin isiru l-aħħar irtokki biex is-sigħat twal ta' xogħol li sar fl-aħħar xhur, iħalli r-riżultati mixtieqa. Mhux hekk biss, iżda l-protagonisti ta' dan l-avveniment importanti fil-kalendarju kulturali ta' pajjiżna, jittamaw b'ħerqana li t-temp ikun ħanin biex l-arti u t-talent li jesponu waqt il-Karnival ikun jista' jiġi apprezzat minn ħafna familji u dilettanti tal-karnival ta' pajjiżna. (Ritratt: Michael Ellul)

# Bejn xniegħa, ħlieqa u x-xogħol

Bhal kull jum iehor, il-ġurnali kollha jkollhom l-ahbarijiet taghhom. Kif mistenni, jpoġġu l-aktar ahbar importanti fl-ewwel paġna. Hekk xieraq, l-ahbar speċjali u l-aktar importanti tmur fl-ewwel paġna. Il-qarrejja jistennew, kultant bla sabar, fil-ġurnal favorit taghhom l-ahbar – daqqa sabiha, daqqa ta' swied il-qalb, drabi ohra ta' storja u informazzjoni.

Nhar il-Ġimgha, 29 ta' Jannar 2010, il-ġurnal tal-*General Workers' Union*, *l-orizzont* mhux anqas, fl-ewwel paġna tieghu b'ittri kbar poġġa ahbar: Il-pjani ta' "investiment futur" fil-Freeport filwaqt li b'ittri akbar Sensji Minflok Impjiegi. Biex kompla jispjega ahjar il-messaġġ li ried iwassal, il-ġurnal tal-GWU poġġa wkoll ritratt prominenti tat-*terminals* tal-Freeport mill-ajru. L-ghan tal-ġurnal kien wiehed li jwassal messaġġ li se jinghataw is-sensja lill-haddiema tal-Malta Freeport Terminals.

Il-ġurnalista tal-ġurnal tal-*General Workers' Union* fl-ewwel paġna ta' *l-orrizont* b'ittri kbar ghamel fatt dak li kien hlieqa: "Sensji Minflok Impjiegi". Xi hadd bla skruplu, jekk jeżisti, gharraf lill-ġurnalista tal-GWU li l-kumpanija li tmexxi l-Freeport kienet se taghti s-sensja lil 30 haddiem. Il-ġurnalista mid-dehra ma ndunax li dik l-informazzjoni kienet biss hlieqa mahsuba biex tohloq tensjoni bla bżonn lill-haddiema.

Il-ġurnal *l-orizzont* bhal donnu kien kuntent jintuża biex ixerred xniegha li l-Freeport sejjer lura u konsegwenza ta' hekk se jaghti s-sensji lill-haddiema. Il-ġurnalista tal-GWU minflok ghażel li jivverifika din ix-xniegha mas-sidien tal-kumpanija, ghażel li jaghmel storja mibnija fuq xniegha. Hawn jidher evidenti l-ghan tal-ġurnal, mhux li jwassal it-taghrif u\jew l-ahbar, iżda li jkun sensazzjonali. Ghamel dan billi ttanta



minn Gejtu
**VELLA**
Segretarju Ġenerali UĦM
gvella@uhm.org.mt

johloq inkwiet bla bżonn lill-haddiema u l-familji taghhom.

Hu fatt maghruf li r-riċessjoni internazzjonali u l-kriżi ekonomika internazzjonali waslet ukoll f'pajjiżna. Dan nafuh ilkoll. Huwa fatt li r-riċessjoni f'uhud mill-postijiet tax-xoghol halliet il-marka taghha. Filwaqt li f'ohrajn il-marka tar-riċessjoni kienet akbar ghax wasslet biex haddiema tilfu l-impjieg taghhom. Dan minkejja li saru diversi interventi ma' kumpaniji li ġew milquta minhabba r-riċessjoni. B'dawn l-interventi f'waqthom min-naha tal-Gvern, ġew salvati numru kbir ta' postijiet tax-xoghol. Minkejja dawn l-isforzi xorta mhux kollox ward u żghar.

Iżda, fl-sfond ta' ahbar ta' *l-orizzont*, minkejja r-riċessjoni d-direzzzjoni tat-*Terminals* tal-Freeport u postijiet tax-xoghol ohra qed ikomplu jżidu l-investiment taghhom. Ghalhekk kienet pronta l-istqarrija min-naha tad-direzzjoni tal-kumpannija tat-*Terminals* tal-Freeport. Sensji mhux se jaghtu, anzi bil-maqlub qed ikomplu jżidu l-investiment taghhom biex meta jkun il-waqt jaghtu aktar opportunitajiet tax-xoghol lill-haddiema.

S'issa qed nipprova ninsisti mieghi nnifsi biex nifhem kif il-ġurnal tal-*General Workers' Union* jaghżel biex jaghmel storja bhal din tas-sensji bi prominenza kbira fil-ġurnal tieghu minghajr ma jkun fittex il-fatti. Wiehed bi dritt jistaqsi numru ta' mistoqsijiet. Fl-opinjoni tieghi, dan hu fost l-aghar kwalità ta' ġurnaliżmu. Ġurnaliżmu spekulattiv mahsub biss biex jaghmel il-hsara u jbeżża' l-haddiema bis-sensji u jhajjar kumpaniji u xi sidien li ghal raġunijiet differenti jaslu biex jheddu l-haddiema taghhom bis-sensja.

L-ghoti tas-sensji lill-haddiema mhux haġa li ghandha tittiehed b'mod laxk u frivolu. L-effett tas-sensji fuq il-haddiema u l-familji taghhom huma kbar u ghalhekk hadd ma' ghandu jithalla jhedded jew ikun strument f'idejn xi hadd biex jhedded lill-haddiema bis-sensja.

Id-differenza hi li l-UĦM tifrah bi proġetti ġodda u ohrajn ta' espansjoni biex jikber is-suq tax-xoghol ghall-haddiema filwaqt li ohrajn jhedew ixerrdu xnighat tas-sensji.

media•link COMMUNICATIONS
NET RADIO101 il-mument IN-NAZZJON pin informa maltarightnow.com
www.radio101.com.mt
www.maltarightnow.com